32006D0048

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Jannar 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2004/233/KE rigward il-laboratorji awtorizzati sabiex jiċċekjaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobija fuq ċerti annimali domestiċi karnivori

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 122)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/48/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE ħatret lil-laboratorju ta' l-*Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments de Nancy* (il-laboratorju ta' l-AFSSA, Nizza), Franza, bħala l-istituzzjoni speċifika responsabbli sabiex tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija.

(2) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE tipprevedi wkoll li l-Laboratorju ta' l-AFSSA, Nizza, għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-lista ta' dawk il-laboratorji Komunitarji li għandhom jingħataw l-awtorizzazzjoni biex iwettqu dawk it-testijiet seroloġiċi. Għaldaqstant, il-Laboratorju ta' l-AFSSA, Nizza, iħaddem il-proċedura stabbilita tal-verifika tal-profiċjenza biex jevalwa l-laboratorji qabel tohroġ l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu t-testijiet seroloġiċi.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE ta' l-4 ta' Marzu 2004, li tawtorizza l-laboratorji sabiex jivverifikaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobija f'ċerti annimali domestiċi karnivori [2], tistabbilixxi lista tal-laboratorji awtorizzati fl-Istati Membri li ġew approvati fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika tal-profiċjenza kkomunikati mil-Laboratorju ta' l-AFSSA, Nizza.

(4) Laboratorju addizzjonali fil-Ġermanja ġie awtorizzat mil-Laboratorju ta' l-AFSSA, Nizza, skond id-Deċiżjoni 2000/258/KE.

(5) Dan il-laboratorju għandu jiġi miżjud mal-lista tal-laboratorji awtorizzati fl-Istati Membri kif stipolat fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/233/KE.

(6) Id-Deċiżjoni 2004/233/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness 1 tad-Deċiżjoni 2004/233/KE, fis-Sezzjoni dwar il-Ġermanja, il-punt 8 li ġej, ġie miżjud:

"8. Vet Med Labor GmbH
Mörike Str.28/3
D-71636 Ludwigsburg".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/60/KE (ĠU L 23, tat-28.1.2003, p. 30).
[2] ĠU L 71, 10.3.2004, p. 30. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/656/KE (ĠU L 241, 17.9.2005, p. 63).